Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1011/2010

**Mobisle Communications Limited – C-24655**

**vs**

**Attard Loran**
**I.D.-50086-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ erba’ mija hamsa u erbghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€445.85c), liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 432433 u dan fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat 2 ta’ Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija hamsa u erbghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€445.85c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------